A.L. 182 ta' l-2008

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2008 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru.4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru.4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-17 ta' Ġunju, 2008.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art magħrufa bħala Plot No. 31, fi Triq iċ-Ċedru, San Ġwann, li tmiss minn kull naħa ma' proprjetà tal-Gvern, jew irjieħ verjuri, mogħtija b'enfitewsi perpetwa lis-Sur Victor Sciberras skond kuntratt datat it-28 ta' Marzu, 1978 fl-atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin, reġistrata bħala Tenement No. 65196 u li fuqha hemm mibni l-fond "Captina" (Plot 31) Triq iċ-Ċedru, San Ġwann, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala "P.31" fuq L.D. 135/81/46 (HAP 5/2007).

(2) Biċċiet ta' art bin-numru 55 sa 60, ta' madwar 901 metru kwadru, f'Tal-Bebbux II, Żurrieq, li jmissu minn kull naħa ma' proprjetà tal-Gvern, jew irjieħ verjuri. Din l-art imsemmija hawn qabel għandha Acquisition no. 14830 - Plot 6 u tinsab delineata bl-aħmar fuq P.D 11_88_6 (HAM 181/82).

(3) Biċċa art magħrufa bħala Plot No. 61, Blokk 3, fi Triq tal-Ħamrija, kantuniera ma' Triq is-Sardinell, Xewkija, Għawdex, li tmiss minn kull naħa ma' proprjetà tal-Gvern, jew irjieħ verjuri, mogħtija b'enfitewsi perpetwa lis-Sur Joseph Cauchi skond kuntratt datat il-31 ta' Jannar, 1975 fl-atti tan-Nutar J. Busuttil, reġistrata bħala Tenement No. Z41271 u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala "No. 61" fuq L.D.19/97 (HAP 6/2007).

(4) Biċċa art magħrufa bħala Plot No. 80, fi Triq Widnet il-Baħar, Ħamrija *Home Ownership Scheme*, Xewkija, Għawdex, li tmiss minn kull naħa ma' proprjetà tal-Gvern, jew irjieħ verjuri, mogħtija b'enfitewsi perpetwa lis-Sur Paul Attard skond kuntratt datat is-26 ta' Ġunju, 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Ino Mario Grech, reġistrata bħala Tenement No. Z41290 u li tinsab delineata bl-aħmar u markata bħala "No. 80" fuq L.D.19/97 (HAP 1/2008).

(5) Ħwienet bin-numri 40 u 42, magħrufin ukoll bħala Shops 1 u 2, fi Triq San Franġisk, Cospicua, (Acquisition Nos. 19011, 19096 u 19147- HAM 8/97 vol 3).

(6) *Flat* numru 6 Blokk VIII, Unit 2, Hubbard Flats, Triq Alessandra, Cospicua (Tenement No. 62348 – RTB 23/2006).

(7) Dar bin-numru T.H. Numru 4, Triq it-Tiġrija, Qasam Bini tal-Gvern, Marsa (Tenement No. 71002 – RTB 21/2003).

(8) *Flat* numru 5, Blokk F, Triq il-Jum, Marsa (Tenement No. 71036 – RTB 31/2007).

(9) Dar bin-numru 6 (qabel numru 11), Triq il-Labour, Marsaxlokk (Tenement No. 70068 – RTB 15/2008).

(10) *Flat* numru 4, Blokk B1, Triq is-Sifa, Qasam ta' Pennellu, Mellieħa (Tenement No. 69286 – RTB 120/2003).

(11) Dar bin-numru 8 (qabel numru 28), "Dar it-Tama", Triq il-Maħluġ, Naxxar (Tenement No. 68607 – RTB 182/2005).

(12) Dar bin-numru 4, Blokk D, Orange Street, San Ġwann (Tenement No. 67317 – RTB 491/77).

(13) *Flat* numru 4, Blokk 10, Bieb 9, Qasam Bini tal-Gvern, Triq il-Gardenja, Santa Luċija (Tenement No. 64454 – RTB 47/2007).

(14) *Flat* numru 6, Blokk A, Entrata A, Triq S. Mallia, Siġġiewi (Tenement No. 78352 – RTB 153/2005).

(15) Fond numru 50, Triq il-Batterija, Valletta (Tenement No.60459 – RTB 12/2003).

(16) *Flat* numru 12, Blokk 1, Triq il-Mediterran, Valletta (Tenement No. 63007 – RTB 100/2006).

(17) *Flat* numru 13, Blokk 1, Triq il-Mediterran, Valletta (Tenement No. 63008 – RTB 75/2006).

(18) Fond numru 102, Triq Melita, Valletta (Tenement No. 62405 —RTB 17/2007).

(19) *Flat* numru 4, Blokk 2, Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ, Malta (Tenement No. 67023 – RTB 99/2007).

(20) *Flat* numru 3, Blokk F, Bieb B, Triq Taċ-Ċawla, Rabat (Victoria), Għawdex, (Tenement No.Z60545 (URB 545) – RTB 4/2004).